



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 31 ta' Marzu 2004 (07.04)
(OR. fr)**

7684/05

PUBLIC 2

NOTA

Suġġett: TAQSIRA TA' KULL XAHAR TA' ATTI TAL-KUNSILL
FRAR 2005

Dan id-dokument jinkludi:

- fl-**Anness I**, sommarju ta' atti legiſlattivi definittivi adottati mill-Kunsill fi Frar 2005. Dan hu akkumpanjat b'dikjarazzjonijiet fil-minuti li jistgħu jinħarġu lill-pubbliku (**Anness II**). Is-sommarju jsemmi wkoll il-voti kontra u l-astensjonijiet, spjegazzjonijiet tal-vot, u r-regolamenti tal-votazzjoni applikabbli;
- fl-**Anness III**, lista ta' l-atti l-oħra ¹ adottati mill-Kunsill fi Frar 2005, b'referenza, fejn meħtieġ għar-riżultati tal-votazzjoni, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet li l-Kunsill iddeċieda li jagħmel pubbliċi.

Dan id-dokument huwa wkoll disponibbli permezz ta' l-Internet ("<http://ue.eu.int>"); ara taħt Dokumenti, imbagħad "Sommarju ta' Atti tal-Kunsill".

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti li jikkonċernaw l-adozzjoni definittiva ta' atti legiſlattivi li huma awtentiċi. Estratti mill-minuti in kwistjoni jistgħu jinkisbu wkoll mid-Dipartiment tat-Trasparenza ("transparency@consilium.eu.int").

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti azzjonijiet ta' kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, appuntamenti, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehim internazzjonali, deċiżjonijiet speċifiċi dwar *budget*, eċċ.

FRAR 2005			
ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJE T	VOTI/SPJEGAZZJONIJIET TAL-VOTI U REGOLI TAL- VOTAZZJONI
L-2638 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fis-17 ta' Frar 2005			
Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 90/434/KEE 1990 dwar is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għal <i>mergers</i> , diviżjonijiet, trasferimenti ta' assi u skambji ta' ishma li jikkonċernaw kumpaniji ta' Stati Membri differenti	16276/7/04 REV 7	1/05, 2/05	Unanimità
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lir-Renju Unit li japplika eżenzjoni mill-imposta tal-bidla fil-klima għal karburant solidu ta' valur baxx skond l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE	5663/05 + REV 1 (lt)		Unanimità
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 866/2004 dwar reġim taħt l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 10 għall-Att ta' Adeżjoni fir-rigward ta' l-agrikoltura u faċilitajiet għal persuni li jaqsmu l-linja	6236/05	3/05	Maġġoranza kwalifikata
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 88/98 fir-rigward ta' l-estensjoni tal-projbizzjoni tas-sajd bit-tkarkir fl-ibħra Pollakki	5602/05		Maġġoranza kwalifikata

FRAR 2005			
ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJE T	VOTI/SPJEGAZZJONIJIET TAL-VOTI U REGOLI TAL- VOTAZZJONI
L-2639 laqgħa tal-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ u Kultura) tal-21 ta' Frar 2005 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart ta' l-imballaġġ Att leġislattiv adottat wara t-tieni qari tal-Parlament Ewropew fil-qafas tal-proċedura ta' kodeċiżjoni Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1419/1999/KE li tistabbilixxi azzjoni Komunitarja għall-avveniment “Kapitali Ewropea tal-Kultura” għas-snin 2005 sa 2019 (22.2.2005) Att leġislattiv adottat wara t-2 qari tal-Parlament Ewropew fil-qafas tal-proċedura ta' kodeċiżjoni Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità (23.2.2005)	PE-CONS 3601/05 + COR 1 (pt) 6612/05 6619/05		Maġġoranza kwalifikata Maġġoranza kwalifikata Maġġoranza kwalifikata

FRAR 2005			
ATTI LEĠISLATIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJE T	VOTI/SPJEGAZZJONIJIET TAL-VOTI U REGOLI TAL- VOTAZZJONI
L-2642 laqgħa tal-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fl-24 ta' Frar 2005			
Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar attakki kontra sistemi ta' informazzjoni	15010/04 + COR 1 (de) + REV 1 (es)	4/05	Unanimità
Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Relatati mal-Kriminalità	14648/04 + COR 1 (es) + COR 2 + COR 3 (da) + REV 1 (sl) + REV 2 (pl)		Unanimità
Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku lill-penalitajiet finanzjarji	6838/04 + COR 1 (de) + COR 2 (sv) + COR 3 (de) + COR 4 (sv) + REV 1 (pl)	5/05, 6/05, 7/05, 8/05, 9/05, 10/05, 11/05, 12/05, 13/05	Unanimità
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' xi funzjonijiet ġodda fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, inkluża l-ġlieda kontra t-terroriżmu	10667/04 + COR 1 (sv) + REV 1 (hu)	14/05, 15/05, 16/05	Unanimità

FRAR 2005			
ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJE T	VOTI/SPJEGAZZJONIJIET TAL-VOTI U REGOLI TAL- VOTAZZJONI
L-2643 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fit-28 ta' Frar 2004 Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2007/2000 li jintroduċi miżuri kummerċjali eċċezzjonali għal pajjiżi u territorji parteċipanti jew marbuta mal-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm Komunitarju pluriennali biex il-kontenut diġitali fl-Ewropa jsir iżjed aċċessibbli u jkun jista' jiġi użat u sfruttat iktar Direttiva tal-Kunsill li temenda l-Anness IV għad-Direttiva 2000/29/KE dwar miżuri ta' protezzjoni kontra l-introduzzjoni fil-Komunità ta' organiżmi dannużi għall-pjanti jew il-prodotti mill-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom fi ħdan il-Komunità	5250/05 + COR 1 (de) PE-CONS 3605/05 6558/05	17/05, 18/05, 19/05, 20/05 21/05 22/05	CZ/PT astjenew MT/SE/UK kontra Maġġoranza kwalifikata Maġġoranza kwalifikata FR/PT astjenew Maġġoranza kwalifikata

DIKJARAZZJONI 1/05

Dikjarazzjoni mill-Kunsill u l-Kummissjoni

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-Artikolu 8 tad-Direttiva 90/434/KEE ma jċaħħadx lill-azzjonisti residenti fi Stati Membri mill-benefiċċji tad-Direttiva f'każ fejn il-magħġoranza ta' l-ishma tiġi akkwiżita minn residenti tal-Komunità u minn residenti ta' pajjiżi terzi."

DIKJARAZZJONI 2/05

Dikjarazzjoni mill-Italja

"L-Italja tirriżerva d-dritt li tapplika d-Direttiva li temenda d-Direttiva tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1990, Nru 900/434/KEE dwar is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għal *mergers*, diviżjonijiet, trasferimenti ta' assi u skambji ta' ishma li jikkonċernaw kumpaniji ta' Stati Membri differenti, għal skambji ta' ishma kif definit bl-Artikolu 1, paragrafu 3, ittra b), mid-data tat-traspożizzjoni fil-leġislazzjoni nazzjonali."

Dikjarazzjoni mill-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru

"Bil-qbil ma' l-emenda ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004, il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru itenni l-pożizzjoni tiegħu li, bħala awtorità sovrana, intitolata li teżerċita ġurisdizzjoni legali fuq it-territorju kollu tar-Repubblika ta' Ċipru, huwa l-unika awtorità kompetenti biex tagħżel il-punti ta' dħul u ħruġ mit-territorju tar-Repubblika. Il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jfakkar li l-portijiet u l-ajruporti kollha li jinsabu f'dawk iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv ġew iddikjarati magħluqa skond ir-regoli tal-liġi internazzjonali kkonfermati mill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja. Għalhekk, portijiet u ajruporti li ma ġewx espressament iddikjarati miftuħa u debitament awtorizzati mill-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru bħala punti ta' dħul u ħruġ għal passiġġieri u merkanzija, ma jistgħux jiġu legalment użati għall-moviment ta' merkanzija 'l ġewwa jew 'il barra."

DIKJARAZZJONI 4/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

“Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni Kwadru ma tipprovdi għal livell minimu ta’ penalià għar-reat ta’ aċċess illegali kif definit fl-Artikolu 2.”

DIKJARAZZJONI 5/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

“Il-Kummissjoni ssostni li ordnijiet ta’ kumpens kif imsemmija fl-Artikolu 1(b)(ii) huma koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 dwar ġurisdizzjoni u infurzar ta’ sentenzi f’materji ċivili u kummerċjali u għalhekk m’għandhomx jiġu kkunsidrati bħala penalitajiet finanzjarji skond l-Artikolu 1(b) ta’ din id-Deċiżjoni Kwadru.”

DIKJARAZZJONI 6/05

Dikjarazzjoni mill-Kunsill

“Il-Kunsill jieħu nota li l-Ġermanja bi ħsieba tissottometti inizjattiva għal Deċiżjoni Kwadru ulterjuri li fiha miżuri dwar kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fi proċedimenti għal reati tat-traffiku tat-triq, wara disposizzjonijiet korrispondenti fl-abbozz tal-ftehim tal-Kunsill dwar kooperazzjoni bejn l-Istati Membri ta’ l-Unjoni Ewropea fi proċedimenti għal reati tat-traffiku tat-triq u l-infurzar ta’ penalitajiet finanzjarji f’dan ir-rigward. Il-Kunsill ser jeżamina l-proposta bil-ħsieb ta’ l-adozzjoni minn kmieni ta’ tali miżuri.”

DIKJARAZZJONI 7/05

Dikjarazzjoni mill-Kunsill

“Il-Kunsill jieħu nota li l-qbil dwar l-Artikoli 5,7(2)(g) u 20(3) huwa mingħajr preġudizzju għal:

- il-pożizzjonijiet ta’ l-Istati Membri fir-rigward ta’ soluzzjonijiet li għandhom jinstabu dwar strumenti futuri dwar rikonoxximent reċiproku f’materji kriminali, u
- l-interpretazzjoni ta’ strumenti eżistenti dwar rikonoxximent reċiproku f’materji kriminali.”

DIKJARAZZJONI 8/05

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja dwar ir-referenza għal imġiba li tikser regolamenti tat-traffiku tat-triq fl-Artikolu 5(1)

“Huwa biss il-ksur tar-regoli tat-traffiku u tar-regoli għall-protezzjoni ta’ installazzjonijiet tat-traffiku li għandu jiġi kkunsidrat bħala ksur, u mhux reati kriminali ġenerali jew ksur ta’ disposizzjonijiet regolatorji ġenerali. Għalhekk, daww id-disposizzjonijiet biss li l-għan protettiv tagħhom jikkonċerna s-sigurtà tat-traffiku tat-triq jew il-manutenzjoni ta’ installazzjonijiet tat-traffiku għandhom jkunu meqjusa bħala disposizzjonijiet li jirregolaw it-traffiku tat-triq.”

DIKJARAZZJONI 9/05

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

“L-Awstrija tiddikjara li ser tirrikonoxxi u tesegwixxi d-deċiżjonijiet dwar reati taħt l-aħħar inċiż ta’ l-Artikolu 5(1) mingħajr verifika tal-kriminalità doppja kif previst fl-Artikolu 5(3) biss jekk l-Istat emittenti jkun indika fiċ-Ċertifikat id-dettalji tar-reat, ir-regoli legali rilevanti u d-disposizzjoni preċiża ta’ l-istrument, adottati abbażi tat-TKE jew it-TUE, li jikkostitwixxi l-bażi legali għad-deċiżjoni.”

DIKJARAZZJONI 10/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

“Il-Kummissjoni tenfasizza li l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jitlob għar-rispett tad-drittijiet fundamentali li jirriżulta mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri. Sakemm il-Premessa 6 tirreferi għall-prinċipji kostituzzjonali li m’humiex komuni għall-Istati Membri, għandha tiftiehem bħala li tippermetti biss lil Stat Membru li japplika dawk il-prinċipji kostituzzjonali tiegħu li m’humiex komuni, għall-proċeduri tiegħu stess.”

DIKJARAZZJONI 11/05

Dikjarazzjoni mill-Portugall

“Il-Portugall jiddikjara li bi ħsiebu jagħmel użu mill-possibbiltà prevista fl-Artikolu 20(2)(b) fir-rigward tar-rikonoxximent ta’ deċiżjonijiet li jikkonċernaw persuni ġuridiċi, u jillimita tali rikonoxximent għal każijiet li fihom l-obbligu li jiġi provdut għar-responsabbiltà kriminali ta’ persuni ġuridiċi hija stabbilita fi strument ta’ l-Unjoni Ewropea.”

DIKJARAZZJONI 12/05

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

“Ir-Repubblika ta’ l-Awstrija tiddikjara skond l-Artikolu 20(2)(b) tad-Deċiżjoni Kwadru li ser tillimita l-applikazzjoni tagħha, fir-rigward ta’ persuni ġuridiċi, għal perijodu ta’ 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ deċiżjonijiet relatati ma’ mgħiba li għaliha strument Ewropew jipprovdi għall-applikazzjoni tal-prinċipju tar-responsabbiltà ta’ persuni ġuridiċi.”

DIKJARAZZJONI 13/05

Dikjarazzjoni mill-Irlanda u l-Isvezja

“L-Irlanda u l-Isvezja jikkunsidraw li l-Premessa 6 (u premissi simili f’Deċiżjonijiet Kwadru oħra ta’ l-UE li jittrattaw ir-rikonoxximent reċiproku ta’ deċiżjonijiet f’materji kriminali) għandhom jinftehmha bħala li ma jċaħħdux lil Stat Membru milli japplika r-regoli kostituzzjonali tiegħu dwar proċess debitu, il-libertà ta’ assoċjazzjoni, il-libertà ta’ l-istampa u l-libertà ta’ l-espressjoni f’medja oħra, anke jekk jistgħu ma jkunux komuni għall-Istati Membri kollha, meta tipprovdi għat-tweqqif ta’ deċiżjoni ta’ l-awtoritajiet rilevanti ta’ Stati Membri oħra. Fl-opinjoni ta’ l-Irlanda u l-Isvezja kwalunkwe interpretazzjoni tal-Premessa 6 li tkun tirrestrinġi l-applikabbiltà tagħha għall-proċeduri ta’ Stat Membru mhux biss tkun twassal għal li d-disposizzjoni ssir inutli iżda tkun tikkontradixxi t-termini tagħha stess.”

DIKJARAZZJONI 14/05

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża

“Il-Ġermanja tiġbed l-attenzjoni li l-membri nazzjonali ta’ l-Eurojust u l-assistenti tagħhom, meta jwettqu x-xogħol tagħhom għall-Eurojust, m’humienx soġġetti għal-liġi nazzjonali iżda biss għad-Deċiżjoni ta’ l-Eurojust. L-arranġamenti tekniċi għall-aċċess għall-SIS mill-membri nazzjonali ta’ l-Eurojust għandhom għalhekk jiġu ddeterminati mill-Kunsill. Il-Ġermanja tipproponi li jiġi żviluppat mudell tekniku għall-aċċess li huwa simili għal dak magħżul għall-parteċipazzjoni parzjali tar-Renju Unit u l-Irlanda fl-SIS.”

DIKJARAZZJONI 15/05

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża

“Il-Ġermanja tiġbed l-attenzjoni li l-użu tal-kliem differenti fl-Artikolu 101a(1) u 101b(1), skond liema l-Europol biss għandu d-dritt ifittex *data* ta’ l-SIS “direttament”, ma jfissirx neċessarjament li ma tista’ ssir l-ebda disposizzjoni għal aċċess dirett mill-Eurojust (għall-membri nazzjonali ta’ l-Eurojust u l-assistenti tagħhom).”

DIKJARAZZJONI 16/05

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża

“Il-Ġermanja tilqa’ l-ftehim li ntlaħaq dwar l-inizjattiva ta’ l-SIS imressqa minn Spanja. Il-Ġermanja tkompli ssostni li l-awtoritajiet li joħorġu permessi ta’ residenza għal barranin jeħtieġu aċċess għal *data* dwar il-barranin skond l-Artikolu 95 tal-Konvenzjoni ta’ Schengen. Huwa essenzjali wkoll li l-Eurojust ikollha aċċess għal *data* skond l-Artikolu 100 tal-Konvenzjoni ta’ Schengen. Il-Ġermanja tassumi li ser ikun hemm bidu bla dewmien ta’ l-eżami tal-kwistjoni ta’ l-estensjoni ta’ l-aċċess ta’ l-Eurojust għal aktar kategoriji ta’ *data*, kif diġà propost fil-laqgħa tal-Kunsill fid-19 ta’ Diċembru 2002, b’kont meħud tal-ħtiġiet stabbiliti fl-ittra mill-Kulleġġ ta’ l-Eurojust. Il-Ġermanja tassumi wkoll li l-Istati Membri dalwaqt jilħqu kunsens dwar dawn il-kwistjonijiet fil-kuntest ta’ diskussjonijiet ulterjuri dwar l-iżvilupp ta’ l-SIS, u tissuġġerixxi li għandu jingħata mandat speċifiku lill-grupp ta’ ħidma rilevanti.”

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka

“Il-Polonja hija favur l-introduzzjoni ta’ kwoti ta’ tariffi għall-importazzjoni taz-zokkor mis-Serbja u l-Montenegro, il-Bosnja u Herzegovina kif ukoll l-Albanija bħala strument biex jiġi regolat l-aċċess għas-suq tal-Komunità u biex jiġu impediti prattiċi frawdolenti li ġew osservati fil-passat.

Madankollu, il-Polonja hija ta’ l-opinjoni li l-livell ta’ kwoti m’għandux jaqbeż sostanzjalment eċċess esportabbli kkalkolat abbażi ta’ karta ta’ bilanċ produzzjoni-konsum. F’dan il-kuntest, il-proposta għall-għoti ta’ kwoti ta’ tariffi għaz-zokkor lill-pajjiżi li m’għandhomx produzzjoni taz-zokkor hija partikolarment inkomprensibbli.

L-Unjoni Ewropea qed tiffaċċja riforma sinifikattiva tas-CMO tagħha taz-zokkor. Tnaqqis drastiku tal-kwoti ta’ produzzjoni taz-zokkor huwa wieħed mill-elementi ewlenin tal-pjanijiet ta’ riforma. Fl-opinjoni tal-Polonja, l-iffissar ta’ kwoti ta’ tariffi fil-livell propost għandu jiġi kkunsidrat bħala mhux koerenti ma’ l-għan ġenerali tar-riforma taz-zokkor u jiżvija lis-sħab tagħna, speċjalment meta jitqies li wħud minnhom jistgħu jaderixxu għall-Unjoni Ewropea fil-futur.”

DIKJARAZZJONI 18/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar kwoti ta' tariffi għas-Serbja u l-Montenegro

“Il-Kummissjoni tippromponi l-introduzzjoni ta' kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni tal-Komunità ta' zokkor mis-Serbja u l-Montenegro, il-Bosnja u Herzegovina kif ukoll l-Albanija. Il-kwantità ta' kwota proposta oriġinarjament għas-Serbja u l-Montenegro hija ta' 150 000 tonnelli metrika.

Minħabba l-fatt li s-Serbja u l-Montenegro impenjat ruħha li tagħti lill-Komunità preferenza ta' tariffi sodisfaċenti għall-importazzjonijiet tagħha taz-zokkor, il-Kummissjoni issa tippromponi li l-kwantità ta' kwota għas-Serbja u l-Montenegro tiġi ffixxata għal 180 000 tonnelli metrika.

F'każ li s-Serbja u l-Montenegro sussegwentement ma twettaqx l-impenn tagħha, il-Kummissjoni tippromponi li l-kwota tiġi mnaqqsa għal 150 000 tonnelli metrika.”

DIKJARAZZJONI 19/05

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar rifużjonijiet għall-esportazzjonijiet taz-zokkor ta' l-UE lejn il-Balkani tal-Punent

“Fir-rigward tas-sospensjoni attwali¹ ta' rifużjonijiet għall-esportazzjonijiet ta' zokkor lejn ir-reġjun tal-Balkani tal-Punent kollu kemm hu bil-ħsieb li tmur kontra l-possibbiltà ta' arranġamenti kummerċjali frawdolenti tat-tip “*carousel*”, il-Kummissjoni tikkonferma li jekk jingħata aċċess preferenzjali liz-zokkor ta' l-UE, ser jittieħdu miżuri sabiex jiġu impediti tali arranġamenti.

¹ Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nri 430, 431 u 432/2003 tas-7 ta' Marzu 2003 (ĠU L 65, 8.3.2003).

DIKJARAZZJONI 20/05

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Daniża

“Id-Danimarka taċċetta l-proposta għal reġim ta’ kwoti fuq l-importazzjoni għaz-zokkor mis-Serbja u l-Montenegro, inkluż il-Kosovo, il-Bosnja u Herzegovina u l-Albanija. Madankollu, sabiex tiġi żgurata konformità mar-riżultat tad-diskussjonijiet tar-riforma tas-CMO għaz-zokkor, id-Danimarka tqis li r-reġim propost għall-importazzjoni bil-kwoti għandu jiġi kkunsidrat mill-ġdid ladarba r-regolamentazzjoni l-ġdida tas-suq għaz-zokkor tkun ġiet adottata.”

DIKJARAZZJONI 21/05

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Daniża

“Id-Danimarka kienet tippreferi *budget* iżgħar għall-programm. Madankollu, fis-sitwazzjoni konkreta – b’kont meħud tas-sitwazzjoni attwali tan-negozjati mal-Parlament – id-Danimarka mhix ser topponi *budget* ta’ kompromess ta’ EUR 149 miljun.”

Dikjarazzjoni mill-Kunsill u l-Kummissjoni

“Il-Kunsill iddeċieda li jipposponi l-implimentazzjoni ta’ l-element tat-“tneħħija tal-qoxra” għal materjal ta’ l-imballaġġ ta’ l-injam tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/102/KE sa Marzu 2006 sabiex jippermetti l-kollezzjoni ulterjuri ta’ riżultati tar-riċerka li għaddejja bħalissa fl-Istati Membri u fil-livell internazzjonali u biex jieħu kont tar-riżultati tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-ISPM 15 dwar l-aspetti tekniċi tat-tneħħija tal-qoxra ta’ l-injam. Il-Kunsill jirrakkomanda li dawn ir-riżultati jiġu ppreżentati mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2005. Madankollu, il-Kunsill u l-Kummissjoni jemmnu li mill-inqas livell adegwat ta’ protezzjoni fitosanitarja ta’ l-UE rigward materjal għall-imballaġġ ta’ l-injam li fuqu huma bbażati l-miżuri ta’ emerġenza taħt 2001/219/KE għandu jibqa’ jeżisti u li l-livell previst mid-Direttiva għandu jintlaħaq sa minn Marzu 2006.

Għal dan il-għan il-Kummissjoni tikkonferma li għandha l-intenzjoni li:

1. tkompli ssegwi r-riżultati tar-riċerka u d-diskussjoni dwar aspetti tekniċi tat-tneħħija tal-qoxra ta’ l-injam u tiegħu l-miżuri xierqa biex tirrevedi l-miżuri Komunitarji rilevanti, b’mod partikolari fir-rigward ta’ l-Istati Uniti, il-Ġappun, il-Kanada u ċ-Ċina;
2. tirrevedi fil-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti l-miżuri ta’ emerġenza li jeżistu attwalment li jikkonċernaw l-Istati Uniti, il-Ġappun, il-Kanada u ċ-Ċina sabiex tiżgura li livell adegwat ta’ protezzjoni fitosanitarja ta’ l-UE jinżamm fil-livell li fuqu hija bbażata l-miżura ta’ emerġenza 2001/219/KE;
3. iżżomm kuntatti internazzjonali fil-livell tekniku, bl-appoġġ ta’ l-Istati Membri, fuq il-kwistjoni tat-tneħħija tal-qoxra.”

FRAR 2005	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
Proċedura bil-miktub konkluża fit-2 ta' Frar 2005	
Azzjonijiet Konġunti tal-Kunsill li jestendu l-mandati tar-Rappreżentanti Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea - li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Lagi Kbar ta' l-Afrika 5606/05 - li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Afganistan 5605/05 - li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani 5621/05 - li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar 5622/05 - li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja 5612/05 - li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u l-Herzegovina 5610/05	
Proċedura bil-miktub konkluża fl-14 ta' Frar 2005	
Regolament tal-Kunsill li jemenda l-miżuri <i>antidumping</i> imposti mir-Regolament (KE) Nru 348/2000 dwar importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet mingħajr saldatura u tubi tal-ħadid jew ta' l-azzar mhux illigat li joriġinaw fil-Kroazja u fl-Ukraina. 5647/05 + ADD 1 (en) <u><i>Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża</i></u> <i>“Il-Ġermanja qed tastjeni minħabba li d-distinzjoni tal-prodotti rikjesta mill-abbozz tar-Regolament fir-rigward tat-tariffa doganali m'hix possibbli.”</i>	
DA/EE/FI/HU/LT/LV/ SE kontra CZ/DE/SI astensjenew	

FRAR 2005	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
L-2638 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fis-17 ta' Frar 2005 Deċiżjoni tal-Kunsill li testendi l-perijodu ta' applikazzjoni tal-miżuri previsti bid-Deċiżjoni 2002/148/KE li tikkonkludi l-konsultazzjonijiet miżmuma maż-Żimbabwe taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE 6135/05 Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li temenda l-Azzjoni Konġunta 2004/789/PESK dwar l-estensjoni tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (EUPOL PROXIMA) 5252/05 Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li temenda l-Azzjoni Konġunta 2002/210/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea 5253/05 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-tfassil ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ambjentali 5457/05 + ADD 1 (en) + REV 1 (pt) + REV 2 (fi) + COR 1 (et) + COR 2 (it) + COR 3 (lt) + COR 4 (lv) + COR 5 (da), 5994/02/05 REV 2 ADD 1 Regolament tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jiddefinixxi għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2004 sal-31 ta' Diċembru 2006 l-opportunitajiet ta' sajd għat-tonn u l-kontribuzzjoni finanzjarja prevista fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Madagaskar dwar sajd 'il barra mill-Madagaskar 5150/05 + REV 1 (lt) Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ksieb li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kontrolli ta' flus kontanti li jidħlu jew joħorġu mill-Komunità 14843/04 + COR 1 (pt) + ADD 1, 16047/04 + ADD 1	

FRAR 2005	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
L-2640 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) fil-21 ta' Frar 2005 Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill li testendi u temenda l-Pożizzjoni Komuni 2004/179/PESK dwar miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova 5831/05 Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill li testendi l-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe 5639/05 + ADD 1 Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2004/423/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra Burma/Il-Mjanmar 5726/05 + COR 1 (en) Relazzjonijiet ma' l-Armenja, il-Ġeorġja, il-Moldova u r-Russja – Deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-Protokolli għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni sabiex l-għaxar Stati Membri ġodda jaderixxu għal dawk il-Ftehim (a) L-Armenja 5780/05 + COR 1 (en) (b) Il-Ġeorġja 5791/05 (c) Il-Moldova 5772/05 (d) Ir-Russja 5801/05 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK dwar miżuri oħra ta' sostenn għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY) 5833/05	

FRAR 2005	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
Relazzjonijiet mal-Balkani tal-Punent - Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea 14025/04 + COR 1 - Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea 14211/04 + REV 1 (en) + COR 1 (minbarra en) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar l-estensjoni u l-emenda tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar kummerċ fi prodotti tessili 5390/05 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus li temenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar kummerċ fi prodotti tessili 16272/04 + COR 1 (sl)	

FRAR 2005	
ATTI OĦRA	Voti magħmula pubbliċi
L-2642 laqgħa tal-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fl-24 ta' Frar 2005 Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tas-27 ta' Marzu 2000 li tawtorizza lid-Direttur ta' l-Europol li jidħol f'negozjati dwar ftehim ma' Stati terzi u korpi mhux relatati ma' l-UE 6160/05 L-2643 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fit-28 ta' Frar 2004 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' protokoll addizzjonali għall-Ftehim dwar Kummerċ, Żvilupp u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra, biex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea 5769/05 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda u r-Repubblika ta' Ċili, min-naħa l-oħra 6098/05	